**22 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B. Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Mary Oliva

**Għajnuna Soċjali — Nuqqas ta' Denunzja ta' Tibdil fiċ-Ċirkustanzi Finanzjarji — Reg. 3(a) tal-Public Assistance (Oaths) Regulations, 1953 — National Assistance Act, 1953.**

*Il-Public Assistance (Oaths) Regulations, 1953 jgħidu illi, meta d-dikjarazzjoni li ssir minn min jitlob l-għajnuna soċjali dwar il-qagħda finanzjarja tiegħu u tibdil taċ-ċirkustanzi finanzjarji tiegħu ma tkunx firmata minn min jagħmilha, għandha tkun immarkata; imma ma hemm xejn fil-liġi li jeżiġi illi l-marka jew kroċesenju li jkun hemm in kalċe għad-dikjarazzjoni għandhom ikunu awtentikati. Kwindi hu biżżejjed illi min jirċievi għajnuna soċjali li ma kienetx tistħoqqlu, għax ma ddenunzjax xi tibdil fiċ-ċirkustanzi finanzjarji tiegħu, ikun għamel il-marka tiegħu fuq id-dikjarazzjoni li jkun għamel dwar il-mezzi tiegħu; u mhux meħtieġ, għall-finijiet tar-reat, li din il-marka tkun awtentikata.*

*S'intendi, jeħtieġ dejjem li jirriżulta "aliunde", għas-sodisfazzjon tal-Qorti, li l-marka jew kroċesenju ġew magħmula effettivament mill-persuna li tagħha hu allegat li huma l-marka jew il-kroċesenju.*

Il-Qorti:— Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni kontra Mary Oliva, fuq l-imputazzjoni talli f'dawn l-aħħar sentejn, f'Bormla, (a) waqt li kienet qegħdha tirċievi għajnuna taħt il-"Public Assistance Scheme", issa "National Assistance Act, 1956", permezz ta' atti magħmula fi żmienijiet differenti u tal-istess intenzjoni, għamlet dikjarazzjonijiet foloz taħt ġurament quddiem uffiċjal tal-"welfare", li hu l-persuna li għandha s-setgħa b'liġi li tamministra l-ġurament, (b) u frawdolentement naqset li tirrapporta lill-"Welfare Officer" f'Bormla, qabel ma rċieviet

ħlas tal-għajnuna soċjali, tibdil taċ-ċirkustanzi finanzjarji tal-familja tagħha li jġib, jew jista' jġib, xi tibdil fl-ammont tal-istess għajnuna, u hekk otteniet somma ta' flus ta' iżjed minn £10 iżda anqas minn £100, bi ħsara tal-Gvern Ċivili;

Rat in-nota tal-Attorney General tal-21 ta' Jannar 1961, li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħuta lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura, biex hija tiddeċidi dwar ħtijiet ta' kompetenza tagħha taħt dak li hemm maħsub (1) fl-artikoli . . . . . .;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Frar 1961, li biha ddeċediet billi ma sabetx lill-imputata ħatja ta' ġurament falz, iżda ddikjaratha ħatja taż-żewġ reati l-oħra dedotti, b'dan però li, in vista tal-konsolidazzjoni, f'dak ta' truffa huwa nvolut u kompriż l-ieħor ta' nuqqas ta' denunzja tat-tibdil fiċ-ċirkustanzi finanzjarji; u wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, ikkundannat lill-imsemmija Mary Oliva għall-piena tal-priġunerija għal żmien xahar; u ordnat li, wara li s-sentenza tgħaddi in ġudikat, id-dokument "B", eżibit mix-xhud Jack Camilleri, ikun jista' jiġi rtirat, bil-kondizzjoni li titħalla kopja awtentika tal-folji 1 sa 3, 4, 13, 14, 15, 25, 26 u 30, biex tibqa' konservata mal-atti tal-kawża;

Rat ir-rikors li bih l-imputata appellat, u talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata; u in subordine, li jiġi lilha mogħti l-benefiċċju tal-art. 23(1) tal-Kodiċi Kriminali;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-motivi tal-aggravju ġew aħjar dettaljatament speċifiikati fil-verbal fol. 30;

Fuq l-ewwel motiv;

Ġie argumentat li d-dokument fol. 30 tal-filza uffiċjali,

eżibita fil-busta dokument "B", li fih l-appellanti ammettiet li kienet irċeviet flus fil-perijodu rilevanti, b'mod li kien hemm tibdil fiċ-ċirkustanzi finanzjarji tagħha li hi ma rrapportatx, hu nvalidu, għaliex il-kroċesenju, li hemm in kalċe tiegħu, ma ġiex awtentikat;

Fir-regolament 3(a) tal-"Public Assistance (Oaths) Regulations, 1953", hemm biss li d-dikjarazzjoni għandha tiġi, meta ma tkunx iffirmata, immarkata. Ma hemm xejn li jeżiġi li l-marka jew kroċesenju għandhom jiġi awtentikati. Fil-liġi ġenerali (art. 634 Proċ. Ċiv.) kroċesenju jitqies ġenwin meta jkun awtentikat bil-mod hemm preskritt; imma r-regolament fuq ċitat ma jeżiġix din l-awtentikazzjoni; u lanqas jista' jingħad li l-każ hu kopert bil-liġi ġenerali preċedenti (ċjoè bl-artikolu ċitat tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili); għaliex hu paċifikament riċevut li l-liġi ġenerali preċedenti, in linea di massima, ma testendix l-applikazzjoni tagħha għal każijiet li huma speċifikatament regolati mil-liġi speċjali posterjuri. Infatti, ir-regola hi li "la specie deroga sempre al genere" (Ricci, Corso, Vol. I, p. 35). Del resto, anki l-istess liġi ġenerali (Kodiċi Ċivili) għamlet riferenza espressa għan-neċessità tal-awtentikazzjoni "meta rrikjedietha" (art. 1277(2) Kod. Ċiv.); liema riferenza espressa ma hemmx fir-regolament fuq imsemmi tal-liġi posterjuri speċjali;

S'intendi, jeħtieġ dejjem li, apparti l-bżonn tal-awtentikazzjoni għan-norma tal-liġijiet proċedurali, jirriżulta "aliunde", għas-sodisfazzjoni tal-Qorti, li l-kroċesenju ġie effettivament appost minn dik il-persuna li tagħha jkun ġie allegat li hu. F'dan il-każ hemm din il-prova. Il-kroċesenju ġie appost quddiem l-uffiċjal tad-dipartiment;

Ikkunsidrat fuq it-tieni motiv;

Ingħad li ma kienx hemm iċ-ċerzjorazzjoni li trid il-liġi; però. il-provi (dep. Rizzo fol. 11 u tergo) juru l-kuntrarju. Għalhekk anki dan il-motiv hu nfondat;

Kwantu għat-talba għall-applikazzjoni tal-art. 23(1) tal-Kodiċi Kriminali . . . . . ;

Għalhekk tiddeċiċi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-filza eżibita "animo ritirandi" tista' tiġi rtirata mill-uffiċjal kompetenti, taħt il-kondizzjonijiet imposti mill-Ewwel Qorti.